REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1179

tas-16 ta' Lulju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 fir-rigward tat-tabelli aggregati u l-fajls tal-mikrodata għat-trażmissjoni tad-*data*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 9(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 ([2]) jistabbilixxi l-istandard ta' skambju għat-tabelli aggregati u għall-fajls tal-mikrodata.

(2) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 ([3]) li jistabbilixxi bidliet tekniċi fil-format tat-trażmissjoni għad-data annwali li trid tiġi trażmessa lill-Kummissjoni, huwa neċessarju li jiġu adattati l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1051/2011 fir-rigward tat-tabelli aggregati u l-fajls tal-mikrodata għat-trażmissjoni tad-*data*.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1051/2011 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1051/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

Taħt "Intestatura", is-settijiet tad-data elenkati fit-tielet inċiż huma emendati kif ġej:

(1) "int_cap_annual" jiġi sostitwit bi "TOUR_CAP_A";

(2) "int_occ_annual" jiġi sostitwit bi "TOUR_OCC_A";

(3) "int_occ_mnight" jiġi sostitwit bi "TOUR_NIGHTS_M";

(4) "int_occ_marrno" jiġi sostitwit bi "TOUR_ARRNOCC_M";

(5) "int_non_rented" jiġi sostitwit bi "TOUR_NONRENT_A";

(6) "nat_dem_partic" jiġi sostitwit bi "TOUR_PARTIC_A";

([1]) ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-data (ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-iskadenzi għat-trażmissjoni u l-adattament tal-Annessi I u II (ĠU L 258, 9.10.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

(7) "nat_dem_sdvout" jiġi sostitwit bi "TOUR_SDVOUT_Q";

(8) "nat_dem_sdvdom" jiġi sostitwit bi "TOUR_SDVDOM_Q".

(2) L-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS III

Fajls tal-mikrodata għat-trażmissjoni tad-*data* elenkata fit-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

L-istruttura tal-fajls u l-kodifikazzjoni arranġamenti prattiċi

Kull vjaġġ osservat għandu jkun irreġistrat individwalment fil-fajl tal-mikrodata trażmess. Dan il-fajl tal-mikrodata għandu jiġi ċċekkjat, editjat, u, fejn hemm bżonn, imputat, u għandu jsegwi l-istruttura tal-fajl u l-kodifikazzjoni kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt. Il-Kummissjoni (Eurostat) se tipprovdi gwida ulterjuri dwar il-format tat-trażmissjoni.

Id-*data* li ma tirrispettax l-istandard tal-iskambju stipulati f'dan l-Anness titqies daqslikieku ma ntbagħtitx.

Intestatura

L-għan tal-intestatura huwa li tidentifika s-serje tad-*data* trażmessa. Għandha tikkonsisti f'erba' kampi:

— *Perjodu ta' referenza* li għandu jikkonsisti minn seba' karattri, l-ewwel erbgħa juru s-sena u l-aħħar tlieta juru liema perjodu matul is-sena (A00).

— *Kodiċi tal-pajjiż* għandu jikkonsisti minn żewġ karattri, li jirrappreżentaw il-kodiċi bikaratteru tal-pajjiż tal-Istat Membru li jkun qed jittrażmetti d-*data*. Eżempji: BE (il-Belġju), BG (il-Bulgarija), ...

— *Suġġett* għandu jikkonsisti minn wieħed minn dawn l-identifikaturi tas-sett tad-*data* li ġejjin: nat_dem_microdata.

— *Munita* jidentifika l-munita li biha tiġi rrappurtata n-nefqa (EUR jew NAC). Filwaqt li l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jipprovdu d-*data* f'euro (kodiċi EUR), l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jirrapportaw id-*data* jew f'euro jew fil-munita nazzjonali tagħhom (kodiċi NAC). Madankollu, f'fajl wieħed in-nefqa kollha trid tiġi rrappurtata fl-istess munita.

Data

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
ID	000001-999999	**Numru ta' sekwenza tal-vjaġġ**	
		Karatteristiċi tal-vjaġġ	
Kamp 1		**Xahar tat-tluq**	
	01-24	Numru tax-xahar (Jannar tas-sena ta' referenza = 01, Diċembru tas-sena ta' referenza = 12; Jannar tas-sena kalendarja preċedenti = 13, Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti = 24)	
Kamp 2		**Durata tal-vjaġġ f'numru ta' ljieli**	
	001-366	Numru ta' ljieli (massimu 3 ċifri)	
Kamp 3		**Durata tal-vjaġġ: numru ta' ljieli mqattgħa fit-territorju domestiku**	Għal vjaġġi 'l barra biss Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	000-183	Numru ta' ljieli (massimu 3 ċifri)	
Kamp 4		**Pajjiż ewlieni ta' destinazzjoni**	

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
		Il-kodiċi skont il-lista tal-pajjiżi fil-manwal metodoloġiku mfassal skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 692/2011	
Kamp 5		**L-iskop ewlieni tal-vjaġġ**	
	1	Skop privat/personali: divertiment, rikreazzjoni u vaganzi	
	2	Skop privat/personali: żjarat lil qraba u ħbieb	
	3	Skop privat/personali: oħrajn (eż. trattament tas-saħħa, pellegrinaġġ)	
	4	Skop professjonali/kummerċjali	
		Tip ta' destinazzjoni	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
Kamp 6	1	Belt = Iva	
	2	Belt = Le	
	9	Belt = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 7	1	Xatt il-baħar = Iva	
	2	Xatt il-baħar = Le	
	9	Xatt il-baħar = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 8	1	Kampanja (inklużi lagi, xmajjar, eċċ.) = Iva	
	2	Kampanja (inklużi lagi, xmajjar, eċċ.) = Le	
	9	Kampanja (inklużi lagi, xmajjar, eċċ.) = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 9	1	Vapur tal-kruċieri = Iva	
	2	Vapur tal-kruċieri = Le	
	9	Vapur tal-kruċieri = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 10	1	Muntanji (artijiet muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Iva	
	2	Muntanji (artijiet muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Le	
	9	Muntanji (artijiet muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 11	1	Oħrajn = Iva	
	2	Oħrajn = Le	
	9	Oħrajn = Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 12		**Parteċipazzjoni tat-tfal**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
	9	Mhux applikabbli (Kamp 5 = 4)	
Kamp 13		**Mezz ewlieni tat-trasport**	
	1	Bl-ajru (titjiriet, skedati jew noleġġati, jew servizzi tal-ajru oħrajn)	
	2	Fuq l-ilmijiet (linji tal-passiġġieri u ferries, kruċieri, dgħajjes tad-divertiment, bastimenti mikrijin, eċċ.)	
	3	Ferrovjarju	
	4	Xarabank, kowċ (regolari/skedati jew okkażjonali/ mhux skedati)	
	5	Xarabank jew kowċ regolari/skedata	Dekompożizzjoni fakultattiva
	6	Xarabank jew kowċ okkażjonali/mhux skedata	Dekompożizzjoni fakultattiva
	7	Vettura motorizzata privata (proprjetà jew b'lokazzjoni, inkluż il-karozza ta' ħbieb/qraba)	
	8	Vettura motorizzata mikrija (inklużi pjattaformi ta' ride-sharing jew car-sharing)	
	9	Oħrajn (eż. bir-rota)	
Kamp 14		**Mezz ewlieni ta' akkomodazzjoni**	
	1	Akkomodazzjoni mikrija: lukandi jew stabbilimenti simili	
	2	Akkomodazzjoni mikrija: siti ta' kampeġġ, karavan jew parkeġġi tat-trejlers (mhux residenzjali)	
	3	Akkomodazzjoni mikrija: bħal dar, villa jew appartament; kamra jew kmamar mikrija f'abitazzjoni	
	4	Akkomodazzjoni mikrija: akkomodazzjoni oħra mikrija (bħal hostels taż-żgħażagħ, marinas, stabbilimenti tas-saħħa)	
	5	Akkomodazzjoni mhux mikrija: villeġġjatura privata	
	6	Akkomodazzjoni mhux mikrija: Akkomodazzjoni pprovduta mingħajr ħlas minn qraba jew ħbieb	
	7	Akkomodazzjoni mhux mikrija: akkomodazzjoni mhux mikrija ta' tip ieħor	
Kamp 15		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: ibbukkjar fuq l-Internet tal-mezz ewlieni tal-akkomodazzjoni**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	
Kamp 16		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: il-mod tal-ibbukkjar għall-mezz ewlieni tal-akkomodazzjoni**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
	1	Direttament mal-fornitur tal-akkomodazzjoni	
	2	Permezz ta' aġenzija tal-ivvjaġġar, operatur turistiku, portal jew aġenzija tal-lokazzjoni ta' proprjetajiet għal żmien qasir jew tal-vaganzi li telenka diversi fornituri tal-akkomodazzjoni	
	3	Ma kien meħtieġ l-ebda bbukkjar	
Kamp 17		**Ibbukkjar tal-mezz ewlieni tal-akkomodazzjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni bħal Airbnb, Booking.com, Expedia, HomeAway**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Mhux applikabbli (Kamp 14 ≠ 3 jew Kamp 15 ≠ 1 jew Kamp 16 ≠ 2)	
Kamp 18		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: ibbukkjar fuq l-Internet tal-mezz ewlieni tat-trasport**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	
Kamp 19		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: il-mezz tal-ibbukkjar għall-mezz ewlieni tat-trasport**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Direttament mal-fornitur tat-trasport	
	2	Permezz ta' aġenzija tal-ivvjaġġar, operatur turistiku, portal	
	3	Ma kien meħtieġ l-ebda bbukkjar	
Kamp 20		**Ibbukkjar tal-mezz ewlieni tat-trasport permezz ta' sit web jew applikazzjoni bħal BlaBlaCar**	Varjabbli triennali fakultattiv, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Mhux applikabbli (Kamp 18 ≠ 1 jew Kamp 19 ≠ 2)	
Kamp 21		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: vjaġġ bħala pakkett**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	
Kamp 22		**Ibbukkjar tal-vjaġġ: ibbukkjar tal-pakkett fuq l-Internet**	Varjabbli triennali, fis-snin fakultattivi: kodiċi = Vojt
	1	Iva	
	2	Le	

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
Kamp 23		**Nefqa relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali fuq pakketti**	
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
Kamp 24		**Nefqa għat-trasport relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali**	
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
Kamp 25		**Nefqa fuq pakketti relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali**	
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
Kamp 26		**Nefqa fuq ikel u xorb f'kafetteriji u ristoranti relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali**	Varjabbli fakultattiv, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojt
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
Kamp 27		**Nefqa oħra relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali (total ieħor, inkluż oġġetti durabbli u oġġetti ta' valur)**	
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
Kamp 28		**Oġġetti durabbli u oġġetti ta' valur (subkategorija ta' "Nefqa oħra relatata mal-vjaġġ mit-turist individwali")**	
	00000000-9999-9998	Ammont f'euro (jew fil-munita nazzjonali għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro) (massimu 8 ċifri)	
		Profil tal-viżitatur	
Kamp 29		**Ġeneru**	
	1	Maskili	
	2	Femminili	
Kamp 30		**Età**	
	000-198	Numru ta' snin magħluqa (3 ċifri)	
Kamp 31		**Pajjiż ta' residenza**	
		Il-kodiċi bikaratteru tal-pajjiż (il-Belġju = BE, il-Bulgarija = BG, …)	
Kamp 32		**Livell edukattiv milħuq**	Varjabbli fakultattiv, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojt

Isem il-kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/rimarki
	1	Mhux aktar minn livell sekondarju baxx (ISCED 2011 livelli 0-2)	
	2	Livell sekondarju għoli u post-sekondarju (mhux terzjarju) (ISCED 2011 livelli 3 u 4)	
	3	Livell terzjarju (ISCED 2011 livelli 5-8)	
Kamp 33		**Sitwazzjoni tal-impjieg**	Varjabbli fakultattiv, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojt
	1	Impjegat (impjegat jew jaħdem għal rasu)	
	2	Diżokkupat	
	3	Student (jew skular)	
	4	Oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol	
Kamp 34		**Introjtu tal-unità domestika fi kwartili**	Varjabbli fakultattiv, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojt
	1	l-ewwel kwartil	
	2	it-tieni kwartil	
	3	it-tielet kwartil	
	4	ir-raba' kwartil	
		Fattur ta' ingrossar	
		Fattur ta' ingrossar minn kampjun għal popolazzjoni	
Kamp 35	000000-999999	Kamp 35 fih numri sħaħ	
Kamp 36	000-999	Kamp 36 fih pożizzjonijiet deċimali"	